



Brussell, 9 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

14675/25

LIMITE

CORLX 1009
CFSP/PESC 1539
CONOP 67

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL b'appoġġ għall-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja u n-
nonproliferazzjoni tal-missili ballistiċi fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-
Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/...

ta' ...

**b'appoġġ għall-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja
u n-nonproliferazzjoni tal-missili ballistiċi
fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija
tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' Diċembru 2003, il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva.
- (2) Fis-17 ta' Novembru 2003, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2003/805/PESK¹, li titlob lill-Unjoni tikkonvinċi l-akbar għadd possibbli ta' pajjiżi jissottoskrivu għall-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja, b'mod speċjali dawk b'kapaċitajiet ta' missili ballistiċi. Dik il-pożizzjoni komuni appellat ukoll għall-iżvilupp ulterjuri u għall-implimentazzjoni ulterjuri tal-Kodiċi, speċjalment il-miżuri tiegħu ta' bini ta' fiduċja, u għall-promozzjoni ta' relazzjoni eqreb bejn il-Kodiċi u s-sistema multilaterali tan-Nazzjonijiet Uniti ta' nonproliferazzjoni.
- (3) L-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea tal-2016 tenfasizza li l-Unjoni ser iżżid il-kontribut tagħha għas-sigurtà kollettiva.
- (4) Il-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża tal-2022 tirreferi għat-theddida persistenti tal-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' twassil tagħhom, u tesprimi l-objettiv tal-Unjoni li jissaħħu azzjonijiet konkreti tal-Unjoni b'appoġġ għall-għanijiet ta' diżarm, nonproliferazzjoni u kontroll tal-armi.

¹ Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2003/805/PESK tas-17 ta' Novembru 2003 fuq l-universalità u t-tisħiħ tal-ftehimiet multilaterali fil-qasam tal-kontroll tal-armi nukleari għad-distruzzjoni tal-massa u l-mod tat-trasport tagħhom (ĠU L 302, 20.11.2003, p. 34, ELI: <http://data.europa.eu/eli/compos/2003/805/oj>).

- (5) Il-Kunsill adotta preċedentement ħames Deċiżjonijiet li jappoġġaw il-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja u n-nonproliferazzjoni tal-missili ballistiċi, jgħid: id-Deċiżjonijiet 2008/974/PESK², 2012/423/PESK³, 2014/913/PESK⁴, (PESK) 2017/2370⁵, u (PESK) 2023/124⁶,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

-
- ² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/974/PESK tat-18 ta' Diċembru 2008 b'appoġġ għall-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja kontra l-Proliferazzjoni tal-Missili Ballistiċi fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 345, 23.12.2008, p. 91, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2008/974/oj>).
- ³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/423/PESK tat-23 ta' Lulju 2012 b'appoġġ għan-nonproliferazzjoni ta' missili ballistiċi fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva u tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2003/805/PESK (ĠU L 196, 24.7.2012, p. 74, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2012/423/oj>).
- ⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/913/PESK tal-15 ta' Diċembru 2014 b'appoġġ għall-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja u n-nonproliferazzjoni tal-missili ballistiċi fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 360, 17.12.2014, p. 44, , ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2014/913/oj>).
- ⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2370 tat-18 ta' Diċembru 2017 li tappoġġa l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja u n-nonproliferazzjoni tal-missili ballistiċi fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 337, 19.12.2017, p. 28, , ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2017/2370/oj>).
- ⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/124 tas-17 ta' Jannar 2023 li tappoġġa l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja u n-nonproliferazzjoni tal-missili ballistiċi fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 16, 18.1.2017, p. 36, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/124/oj>).

Artikolu 1

1. Bil-ħsieb tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva, l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea u l-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża, l-Unjoni għandha tkompli tappoġġa l-universalizzazzjoni, l-implimentazzjoni sħiħa u t-tisħiħ tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja permezz ta' azzjoni operazzjonali.
2. L-objettivi tal-azzjoni operazzjonali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu:
 - (a) il-promozzjoni tas-sottoskrizzjoni universali għall-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja;
 - (b) il-promozzjoni tal-implimentazzjoni sħiħa tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja mill-istati firmatarji; u
 - (c) il-kontribut biex jiġi integrat aħjar il-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja fi sforzi biex titrażżan il-proliferazzjoni ta' missili ballistiċi.
3. Fl-Anness tinsab deskrizzjoni dettaljata tal-azzjoni operazzjonali msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 2

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà ("ir-Rappreżentant Għoli ") għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

1. L-implimentazzjoni teknika tal-azzjoni operazzjonali msemmija fl-Artikolu 1 għandha titwettaq mill-*Fondation pour la recherche stratégique (FRS)*.
2. L-FRS għandha twettaq il-kompitu msemmi fil-paragrafu 2 taħt is-superviżjoni tar-Rappreżentant Għoli. Għal dak il-għan, ir-Rappreżentant Għoli għandu jidħol fl-arranġamenti neċessarji mal-FRS.

Artikolu 3

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-azzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandu jkun ta' EUR 1 099 446,40.
2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont ta' referenza stabbilit fil-paragrafu 1 (in-“nefqa”) għandha tkun amministrata f'konformità mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit tal-Unjoni.
3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni tajba tan-nefqa. Għal dak l-għan, hija għandha tikkonkludi l-ftehim neċessarju mal-FRS (il-“ftehim”). Il-ftehim għandu jistipula li l-FRS għandha tiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, b'mod adatt għad-daqs ta' dik il-kontribuzzjoni.
4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel hilita biex tikkonkludi l-ftehim malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehim.

Artikolu 4

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti regolari mħejjija mill-FRS. Dawk ir-rapporti għandhom ikunu l-bażi ta' evalwazzjoni li titwettaq mill-Kunsill.
2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji tal-azzjoni msemmija fl-Artikolu 1.

Artikolu 5

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.
2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 36 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim. Madankollu, għandha tiskadi sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha jekk ma jkunx ġie konkluż il- ftehim f'dak il-perjodu.

Magħmul fi..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
